MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 6/2008/1

**Gaetano Attard**

**vs**

**Gaetana Zammit**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur ta' Gaetano Attard li jghid hekk:

Illi huwa proprjetarju tal-fond 23, Assumption Street, Marsa, li huwa jikri lill-intimata bil-kera ta' Euro 19.57, ekwivalenti ghal Lm8.40 fis-sena pagabbli kull l-ewwel tas-sena.

Illi l-fond inkwistjoni ma ghandux kera xierqa u gusta u jehtieglu awment ghax il-fond in kwistjoni ghandu valur lokatizju ferm akbar minn dak illi huwa mhallas mill-istess intimata.

Illi ghalhekk jenhtieg illi dan l-Onorabbli Bord jiffissa l-kera xierqa ta' dan il-fond taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord joghgbu xieraq u opportun.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-kera xieraq u jawmenta l-kera tal-fond 23, Assumption Street, Marsa, ghal dik is-somma li jistabilixxi l-Bord bhala kera gusta.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata Gaetana Zammit li tghid:

Illi t-talba mitluba mir-rikorrenti proprjetarji tal-fond 23, Assumption Street, Marsa hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi l-esponenti kellha diga tbati awment tal-kera meta sid il-fond gholla l-kera minn Euro 16.33 (Lm7) ghal Euro 19.57 (Lm8.40) u dan minghajr ma kien gie adit dan l-Onorabbli Bord kif qieghed isir illum;

2. Illi l-esponenti ghamlet spejjes konsiderevoli fil-fond inkwistjoni biex tkun tista tghix fl-istess minhabba l-istat pessimu li kien jinsab fih qabel ma dahlet fih hi u dejjem hadet hsieb tal-munutenzjoni tal-istess fond minghajr ma qatt talbet lis-sid jirrifondiha bl-ispejjes;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk jkun il-bzonn.

Illi sabiex jiddetermina dan il-kaz il-Bord htieglu assistenza teknika u ghalhekk kien assenja ghal dan l-iskop lill-perit arkitett Joseph Briffa u perit arkitett Anthony Fenech Vella li rrelataw b'mod puntwali lill-dan il-Bord bil-mod segwenti:

Il-membri teknici wara li hadu konjizzjoni tal-kontenut, il-lokalita, l-istat tal-imsemi fond, kif ukoll ix-xogholijiet mizjuda mill-intimata u suindikati jidrilhom li l-kera xieraq ta' dan il-fond ghandu jkun ta' Hamsa u hamsin euro u disghin centezmu (Euro 55.90) fis-sena ekwivalenti ghall-Lm24.

Il-Bord ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kera gust ghall-ammont ta' Hamsa u hamsin euro u

disghin centezmu (Euro 55.90) fis-sena bl-istess kundizzjonijiet prevalenti bejn il-partijiet u pagabbli mill-iskadenza li jmiss.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------